MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 718/2014

**United Automobile Limited (C 5845)**

**Vs**

**Bonavia Stores Limited (C 10409)**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-13 ta' Awissu 2014 is-socjeta' attrici United Automobile Limited ippremettiet u talbet:-

1. *Fl-20 ta' Frar 2003, is-soċjeta' rikorrenti daħlet fi ftehim sabiex tbiegħ vettura (il-"Vettura") lil Joseph Bonavia (593554M), illi kien qed jirrapreżenta lis-soċjeta' Bonavia Stores Limited, għall-prezz ta' €9,317.49 (Lm4,000) (kopja tal-ftehim annessa u mmarkata bħala "Dok. A") (il-"Ftehim");*

2. *Il-partijiet kienu fthemu li l-ħlas isir bin-nifs. Għalhekk, il-konvenut ħallas l-ammont ta' €2,329.37 (Lm1,000) fl-istess ġurnata li daħal fil-Ftehim bil-patt li l-bilanċ ta' €6,988.12 (Lm3,000) jitħallas bin-nifs, kull xahar, fuq medda ta' tmintax-il (18) xahar;*

3. *Il-Vettura kienet u għadha rreġistrata f'isem Joseph Bonavia bħala d-Direttur tas-soċjeta' konvenuta li, illum il-ġurnata, huwa mejjet;*

4. *Is-soċjeta' konvenuta hija reġistrata u għandha biss Direttur wieħed kif jidher mill-estratt tar-Reġistru tal-Kumpaniji hawn anness u mmarkat "Dok. B" iżda m'għadiex topera;*

5. *Fl-2005, u wara l-mewt ta' Joseph Bonavia, s-soċjeta' rikorrenti reġgħet ħadet pussess tal-Vettura peress illi kien għad baqa' ammont pendenti. Minkejja dan, il-Vettura hija rreġistrata mal-Awtorita' ta' Malta għat-Trasport, tramite il-log book, f'isem Joseph Bonavia u għalhekk, is-soċjeta' rikorrenti ma tistax tiġġestixxi u/jew tuża l-Vettura;*

6. *Peress illi m'hemmx Diretturi oħrajn sabiex jirrapreżentaw lis-soċjeta' konvenuta, qed jiġi ntavolat, flimkien ma' dan ir-rikors, rikors ieħor għal-ħatra ta' kuratur deputat sabiex jirrapreżenta lill-Joseph Bonavia bħala Direttur ta' Bonavia Stores Limited f'dawn il-proċeduri.*

Għaldaqstant, is-socjeta' attrici titlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*i. Tiddikjara illi, minħabba li l-konvenut baqa' ma ħallasx il-bilanċ kollu u minħabba n-natura tal-Ftehim, il-vettura għandha terġa tiġi rreġistrata f'isem is-soċjeta' rikorrenti; u*

*ii. għaldaqstant, in vista' ta' l-ewwel talba, tordna t-trasferiment, permezz tal-ħatra ta' kuraturi, tad-dettalji fil-log book sabiex dan isejjaħ lis-soċjeta' rikorrenti minflok il-kurrenti dettalji tal-mejjet Joseph Bonavia f'qasir żmien, jew tieħu dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha opportuni sabiex isir dan it-trasferiment f'isem is-soċjeta' rikorrenti.*

Il-konvenuta ma wegbitx.

Mill-kuntratt a fol. 5 hu evidenti li l-ftehim kien wiehed ta' hire-purchase. Jidher li l-kumpannija ma hallsitx l-ammont kollu miftiehem fil-kuntratt tal-20 ta' Frar 2003. Ghalhekk il-vettura ghadha proprjeta tal-attrici (ara klawzola 3 tal-ftehim, fol. 5).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet u tordna li r-registrazzjoni tal-vettura Samsung numru BSL 400 ddur minn fuq isem il-kumpannija konvenuta ghal fuq isem il-kumpannija attrici. Tinnomina lil Dr Maxilene Pace bhala kuratrici ghal finijiet tat-tieni talba. Spejjez a karigu tal-konvenuta**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------